# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar L-Erbgha, 2 ta' Mejju 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 11/99 JR**

**Mariano u Carmela konjugi Pace u Peter**

**vs**

**Anthony Theuma**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI ; L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. B'avviz prezentat quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, l-atturi talbu minghand l-esponenti l-hlas ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm185) in linea ta' rizarciment ta' danni sofferti minnhom per konsegwenza ta' incident tat-traffiku illi gara fis-7 ta' Dicembru 1998, ghall-habta tas-7:15pm, fi Triq Dr. Anton Tabone, Victoria, bejn il-vettura Renault numru GAH 286 misjuqa minn Peter Pace, u proprjeta'

tal-atturi l-ohra, fuq naha, u l-vettura Isuzu CBD 779 misjuqa mill-esponenti fuq in-naha l-ohra.

**IR-RISPOSTA U L-KONTRO-TALBA TA' L-INTIMAT**

2. L-intimat cahad din it-talba tal-atturi, u pprezenta l-kontro-talba tieghu u talab il-hlas minghand Peter Pace tas-somma ta' Lm250 danni sofferti minnu per konsegwenza ta' l-imsemmi incident, talba illi a sua volta giet michuda mill-attur Peter Pace.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza tal-11 ta' Jannar 2000, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar sab lill-esponenti unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, cahad il-kontro-talba tieghu u laqa' t-talba ta' l-atturi u kkundanna lill-esponenti jhallas is-somma ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm185) bl-interessi dekorribbli mid-data tas-sentenza,

**L-APPELL TA' L-INTIMAT**

4. L-intimat hass ruhu aggravat bis-sentenza citata u minnha qieghed jinterponi appell quddiem din il-Qorti fuq l-agravju li t-Tribunal interpreta hazin id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar l-obbligi u d-drittijiet reciproci ta' sewwieqa fis-sitwazzjoni partikolari li fiha sabu ruhhom l-

esponenti u Peter Pace, u b'hekk is-sentenza emessa minnu la hija gusta u lanqas hija ekwa.

It-Tribunal qal sewwa illi Pace ma kienx miexi mal-gemb tas-central strip, kif ukoll illi dan ried jaltera drastikament id-direzzjoni tieghu. Enuncja wkoll tajjeb id-dmirijiet li kienu jinkombu fuq sewwieq illi ried jaghmel tali manuvra, meta qal illi huwa kellu :

(i) jinserixxi ruhu bl-opportuna kawtela f'dik il-parti tat-triq li minnha kien l-aktar agevoli l-qsim tas-centre strip;

(ii) ikompli jaghmel is-senjalazzjoni mehtiega wara li jkun assuma fit-triq din il-posizzjoni konfacenti mal-manuvra intiza, b'mod li s-senjalazzjoni tieghu ma tirrizultax ambigwa;

(iii) jezegwixxi l-manuvra wara li jkun accerta ruhu li mhux ser jikkrea ostakolu ghat-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu.

Pero', imbaghad, donnu it-Tribunal nesa dak kollu illi kien ghadu kif qal huwa stess, u naqas illi japplika dawn id-dettami ghall-ezami tal-manuvra li kien qieghed iwettaq Peter Pace.

Fl-ewwel lok, irrizulta – u dan iddikjarah anke it-Tribunal innifsu – illi ezattament qabel il-manuvra, Pace kien qieghed isuq fuq l-estrem tax-

xellug tal-karreggjata illi tieghu fid-direzzjoni lejn Victoria. X'hin huwa ried jibdel id-direzzjoni lejn il-lemin tieghu huwa qasam bruskament. Altru milli inserixxa ruhu bl-opportuna kawtela.

Illi fit-tieni lok, it-Tribunal innifsu ddikjara illi '*ma setghax jistabilixxi b'certezza jekk Pace fil-fatt kellux l-indicator mixghul fil-mument li kien qed jaghmel il-manuvra*'. Imbaghad jghid illi Pace uza d-debita diligenza fil-manuvra li kien qed jaghmel. Bir-rispett kollu, hawnhekk it-Tribunal inkorra fl-akbar kontradizzjoni possibbli.

Illi fit-tielet lok, certament illi Pace ma setax accerta ruhu illi l-manuvra tieghu ma kienitx ser tostakola t-traffiku ta' warajh galadarba huwa qabad u qasam bruskament minn fuq l-estrem tax-xellug tat-triq, u lanqas biss induna bil-vettura ta' l-esponenti sakemm saret il-habta. Dan huwa jammettih fix-xhieda tieghu meta qal espressament illi huwa lanqas biss hares sabiex jara jekk kienux gejjin vetturi minn warajh.

Dan kollu juri illi l-attur Peter Pace kiser it-tlieta li huma l-obbligi imposti fuqu fil-manuvra li kien qed iwettaq skond it-Tribunal innifsu. Del resto, dan tghidu il-Highway Code innifisha meta fir-regolament 84 et seq. Tistipula x'inhuma l-obbligi ta' sewwieq li jrid jikser fuq il-lemin tieghu. Infatti l-artikolu 85 jghid :-

> *Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and,*

> *when safe to do so, take up the appropriate position (issa din il-posizzjoni hija indikata grafikament fuq il-grafika li takkompanja dan l-artikolu).*

L-appellant jissenjala illi anke l-lok fejn l-attur laqqat id-daqqa fuq il-vettura tieghu turi car u tond illi huwa ma kienx qieghed fil-posizzjoni korretta qabel ma beda l-manuvra li jiksr fuq il-lemin tieghu. Kieku l-attur kien fil-posizzjoni korretta, d-daqqa kienet tkun fil-kantuniera ta' wara u mhux kwazi f'nofs il-vettura tieghu.

Illi imbaghad it-Tribunal ghadda sabiex akkolla r-responsabbilita' ghall-incident lill-esponenti ghaliex skond hu '*kienet il-velocita' tal-konvenut il-kawza prossima ta' l-incident*'. Anke hawn, bir-rispett kollu, t-Tribunal ma kienx korrett. Huwa veru illi Triq Dottor Anton Tabone fiha diversi sinjali sabiex is-sewwieqa jimmoderaw il-velocita' taghhom. Pero' id-diamika ta' l-incident turi illi effettivament l-esponenti ma kienx qieghed isuq b'xi velocita' eccessiva. L-esponenti halla brake marks ta' tul ta' erbgha punt tnejn metri (4.2m) fuq naha wahda, u tmienja punt disgha hamsa metri (5m) fuq in-naha l-ohra, ghal medja ta' sitta punt hamsa metri (6.5m). Issa skond l-indikazzjonijiet kontenuti fil-Highway Code, dan jindika velocita' immedjatament qabel ma jintghafas il-brake ta' ftit aktar minn tletin kilometru fis-siegha (30k.f.s) Lanqas ma jista' jigi argomentat illi li kieku ma kienitx ghall-habta, il-*braking distance* tal-esponenti kienet tkun itwal : il-hsarat minimi sofferti miz-zewg vetturi huma l-aqwa prova tal-fatt illi l-vetturi kemmxejn messew lil xulxin u ma kien hemm xejn vjolenti fl-impatt. Issa l-velocita' massima f'*built up*

*area* skond l-artikolu 105 tal-Highway Code hija ta' hamsin kilometru fis-siegha (50k.f.s). Dan kollu jfisser illi l-velocita' ta' l-esponenti kienet ferm inqas minn dik massima permessibbli u ghalhekk verament huwa kien qieghed isuq b'velocita' moderata. Konsegwentement id-dikjarazzjoni tat-Tribunal li l-esponenti ma jidhirx li naqqas il-velocita' tieghu ghalkemm kien hemm sinjali jindikawlu biex jaghmel hekk kienet ghal kollox barra minn lokha, u nfondata fil-fatt.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant talab illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-11 ta' Jannar 2000 fl-avviz Numru 11/99 fl-ismijiet premessi, billi jiddikjara lill-attur Peter Pace unikament responsabbli ghall-incident stradali li gara fis-7 ta' Dicembru 1998 fi Triq Dottor Anton Tabone bejn il-vettura GAH 286 misjuqa minnu u l-ohra CBD 779 misjuqa mill-esponenti, u konsegwenetment tichad it-talbiet attrici filwaqt illi tilqa' l-kontro-talba tal-esponenti u tikkundanna lill-attur ihallas lill-esponenti l-ammont ta' Lm250 danni sofferti minnu per konsegwenza tal-istess incident.
Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-APPELL TA' MARIANO U CARMELA KONJUGI PACE U TA' PETER PACE</u>**

5. L-appellati wiegbu hekk :-

(i) Illi s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) tal-hdax (11) ta' Jannar 2000 fl-ismijiet premessi hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

(ii) Illi fil-fatt it-Tribunal ghamel apprezzament tajjeb tal-provi kif migjuba quddiemu. Huwa sottomess bir-rispett illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax ghaliex l-appellat, Peter Pace kisser ir-regolamenti 84 et seq tal-Highway Code. Illi fil-fatt l-appellat, Peter Pace ha l-prewkazzjonijiet kollha rikjesti minnu bil-ligi meta ipproceda biex jikser. Illi, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti appellati, l-incident in kwistjoni sehh ghaliex l-appellant ma zammx "a proper look out" tal-vetturi li kienu ghaddejjin quddiemu "in plain view". Illi oltre dana l-istess appellant kien mghobbi bil-piz ta' velocita' eccessiva u imprudenti ghal dak il-lokal, aktar u aktar meta il-lokal fejn gara l-incident awtomobilistiku in kwistjoni huwa post fl-abitat u fil-karreggjata tal-istess triq hemm diversi twissijiet ta' "slow signs" lil min ikun qieghed jipprocedi bil-vettura tieghu lejn l-inkrocju.

(iii) Illi 'del resto' x-xhieda li ta l-istess appellant waqt is-smiegh tal-istess avviz hija auto-inkolpanti u fiha infisha hija bizzejjed biex tirradika r-responsabbilita' tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni fl-appellant.

6. Rat l-atti kollha u senjatament ukoll il-verbal tat-23 ta' Frar 2001 fejn l-appellat eccepixxa wkoll l-inappellabilita' tas-sentenza skond il-ligi. Trattat l-appell.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

7. L-intimat appellant ressaq bhala aggravju dak "li t-Tribunal <u>interpreta</u> hazin id-diposizzjonijiet tal-ligi dwar l-obbligi u d-drittijiet reciproci ta' sewwieqa fis-sitwazzjoni partikolari li fiha sabu ruhhom u b'hekk is-sentenza emessa minnu la hija gusta u lanqas hija ekwa" (sottolinear tal-Qorti).

8. Ikkunsidrat li skond l-artikolu 8 (2) tal-Att V tal-1995, appell bhal dan in ezami jista' jsir biss fil-kazijiet li gejjin :-

(a) fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;

(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;

(c) fuq kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 7 – jigifieri kazi fejn il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta' eccezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal u/jew ikun hemm pendenti quddiem Qorti kompetenti azzjoni, li l-ezitu taghha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu, u fl-ahharnett,

(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun impregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

9 Illi mis-suespost ghalhekk jidher li ebda appell m'huwa possibbli "ex lege" ghal xi parti fuq il-bazi li din ma tkunx qablet u ghadha ma taqbilx mal-interpretazzjoni u evalwazzjoni tal-provi akkwiziti maghmula mit-Tribunal.

10. Illi minn ezami tar-rikors tal-appell li gie intavolat mill-intimat jemergi kjarament li dan huwa kollu impernjat fuq il-punt li l-appellant ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tal-provi li ghamel it-Tribunal biex wasal ghad-decizjoni tieghu. Ir-rikors tal-appell jaghti sunt tal-fatti saljenti tal-incident awtomobistiku, li fiha kienu involuti z-zewg kontendenti, jirreferi ghal dak li t-Tribunal jelenka bhala li huma d-drittijiet reciproci taz-zewg sewwieqa skond il-ligi u jidhol fil-meritu ta' kif huwa ma jaqbilx mal-mod kif dawn gew interpretati. Il-bqija tal-aggravju huwa kollu marbut mal-fatti relativi ghad-dinamika tal-habta. Indipendentement mill-konsiderazzjoni dwar jekk wiehed jaqbel jew ma jaqbilx mal-interpretazzjoni ta' dawn il-provi kif moghtija mit-Tribunal, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti, l-ebda wiehed mill-erba' kazijiet elenkati espressament mil-ligi specjali <u>de quo</u> ma jidher li japplika u

konsegwentement isegwi li l-appell tal-intimat m'huwiex proponibbli fit-termini dedotti fir-rikors u kwindi qeghda tirrespingieh.

Ghal dawn ir-ragunijiet u wara li mill-gdid taghmel riferenza ghall-artikolu 8 (2) (a) (b) (c) (d) tal-Att V ta' l-1995 tiddikjara l-kaz in ezami kif dedott fir-rikors ta' appell ta' l-intimat bhala inappellabbli u ghalhekk tichad it-talbiet tal-intimat appellanti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fil-11 ta' Jannar 2000, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellant.

Dep/Reg

mg